



# Aħbar Tajba

Eż 17, 8-13
Salm 120 (121), 1-2.3-4.5-6.7-8
2 Tim 3, 14 – 4,2
Lq 18, 1-8

"Isimgħu ftit x'jgħid l-imħallef il-ħażin. Imbagħad Alla, lill-magħżulin
**tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq?**

Kieran kien tifel brikkun u moħħu jilħaqlu ħafna. Kien ilu jaf li ħierġa l-aħħar logħba tas-serje favorita tiegħu. Lil ommu issa kien draha sew u allura f'moħħu fassal pjan ġenjali kif se jieħu dak li jixtieq. Xhur qabel Kieran beda juri lill-ommu x-xewqa li kellu. Kien jaf li għall-ewwel ftit ġimgħat ir-risposta kienet se tkun le u allura beda jieħu kull okkażjoni biex jitlob lil ommu tixtrihielu. Ġimgħa wara l-oħra dejjem l-istess talba. Mur għidilha lil ommu li qas biss kienet għadha ħarġet il-logħba. Imma Kieran kien ħasibha sew.

Viċin il-ġurnata li l-logħba kellha toħroġ beda jibdel ftit ftit l-imġieba tiegħu għall-aħjar u saħansitra jagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar. Qatt ma qata' jistaqsiha lil ommu, sakemm fl-aħħar wasal il-jum li tant kien ilu jaħdem għalih. Kien għadu kif lesta jixxotta l-platti meta dahar fuq ommu u għal darb'oħra qalilha kemm xtaq dik il-logħba. Imma din id-darba t-tweġiba kienet differenti. U hekk Kieran tbissem waħda kbira u l-għada, mar siegħa qabel ma kellu jiftaħ il-ħanut biex bil-flus li tahtu ommu jkun minn tal-ewwel li jixtri dik il-logħba tant għal qalbu.

Ma nafx din l-istorja hijiex familjari għal x'uħud minnkom, nispera li mhux wisq. Illum Ġesù jirrakkontalna storja tixbah ftit lil din. Mhux fuq ommu u iben imma fuq imħallef li kellu jiddeċiedi xi ħaġa biex jgħin waħda armla. Din qatt ma waqfet tħabbatlu sakemm fl-aħħar ta dak li kien ħaqqha. Mhux għax tħassarha jew għax ra kemm kien jistħoqqilha imma għax dejqietu. Imma għaliex taħsbu li Ġesù rrakkonta din l-istorja? Jridna nagħmlu l-istess? Le. Ġesù ma jixtieqx li noqgħodu ndejqu lil xulxin imma jridna qatt ma naqtgħu qalbna u nieqfu nitolbu. Fi ftit kliem jrid jgħidilna li jekk xi ħadd li ma jħobbokx fl-aħħar jispiċċa jagħtik dak li għandek bżonn għax ikun iddejjaq jisimgħek titlob, kemm aktar xi ħadd li jħobbok se jagħtik dak li tassew għandek bżonn.

Għalhekk ejjew ma nieqfux nitolbu. Ejjew nitolbu biex inkunu ferħana. Ejjew nitolbu għal dawk kollha li jieħdu ħsiebna u nirringrazzjawh tagħhom. Nitolbu għall-ħbieb tagħna kif ukoll dawk li jgħallmuna. Nitolbu biex ikun hawn il-paċi u ma ninsew qatt nitolbu għal dawk inqas ixxurtjati minna. Ma nistennewx li se naqilgħu kollox mill-ewwel imma bħal nibqgħu nitolbu għax nafu li Alla jħobbna u se jagħtina dak kollu li għandna bżonn.

Biex ma ninsew lil ħadd barra fit-talb tagħna hawn għandna l-proposta tal-Papa marbuta mal-ħames iswaba' tal-id.




## 1

Is-saba' l-oħxon hu l-eqreb wieħed lejk. Mela ibda billi titlob għal dawk li huma l-eqreb lejk.

Huma l-persuni li fihom faċilment niftakru. Li nitolbu għall-għeżież tagħna hu "dmir ħelu".

## 2

Is-saba' li jmiss hu l-werrej. Itlob għal dawk li jgħallmu, jedukaw u jieħdu ħsieb tal-oħrajn. Din il-kategorija tiġbor fiha l-għalliema, il-professuri, it-tobba u s-saċerdoti.

Għandhom bżonn tas-sostenn u l-għerf biex juru lill-oħrajn it-triq it-tajba. Dejjem ftakar fihom fit-talb tiegħek.

## 3

Is-saba' li jmiss, il-fustani, hu l-itwal wieħed. Ifakkarna f'dawk li jmexxuna. Itlob għall-President, il-membri parlamentari, in-nies tan-negozju u d-diretturi tal-kumpaniji.

F'idejn dawn il-persuni hemm il-futur ta' pajjiżna u huma jdawlu l-opinjoni pubblika... Għandhom bżonn id-dawl ta' Alla.

## 4

Ir-raba' saba' jissejjaħ taċ-ċurkett. Jissorprendina l-fatt li dan hu l-aktar saba' dgħajjef, kif jista' jikkonfermalna kull min jgħallem il-pjanu. Qiegħed hemm biex ifakkarna f'dawk l-aktar dgħajfa, f'min għandu xi sfidi x'jaffronta, fil-morda.

Dawn għandhom bżonn tat-talb tiegħek lejl u nhar. It-talb tiegħek għalihom qatt mhu biżżejjed. Qiegħed hemm ukoll biex jistedinna nitolbu għall-koppji miżżewġa.

## 5

U fl-aħħar għandna s-saba' ż-żgħir tagħna, l-iċken fosthom ilkoll, kif ċkejknin għandna nħossuna quddiem Alla u l-proxxmu.

Kif jgħid Ġesù, "tal-aħħar jiġu l-ewwel".

Is-saba' ż-żgħir ifakkrek titlob għalik innifsek.





**NITOLBU MAL-QADDISIN**

Fost il-qaddisin kollha magħrufa għad-devozzjoni li kellhom lejn Marija, żgur li jispikka l-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, li bħala motto tal-pontifikat tiegħu għażel il-kliem 'Kollni tiegħek', biex jistqarr l-imħabba tiegħu lejn Marija. Dan it-titlu hu ispirat minn talba ta' San Massimiljanu Kolbe li min jaf kemm-il darba Ġwanni Pawlu II talabha.

Għażiża mnissla mingħajr tebgħa, Marija, ommi. Għix fija, aħdem bija, kellimni u tkellem permezz tiegħi. Aħseb il-ħsibijiet tiegħek f'moħħi. Ħobb permezz ta' qalbi u agħtini d-dispożizzjoni u s-sentimenti tiegħek. Għallimni, mexxini u ggwidani lejn Ġesù. Ikkoreġi, dawwal u kabbar il-ħsieb u l-imġieba tiegħi. Idħol f'ruħi, f'dak kollu li jien, fil-ħajja tiegħi kollha. Irrid insir bħalek. Fakkarni biex qatt ma nieqaf nadura u nfaħħar lis-Sinjur Alla. Itlob fija u permezz tiegħi. Ħallini ngħix fik u qatt tħallini ninfired minnek.
Ammen.





**Promozzjoni**

## Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION